



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

23 ta' Jannar 2018*

“Appell – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Evalwazzjoni – Rapport ta' evalwazzjoni tal-karriera – Proċedura ta' evalwazzjoni 2013 – Ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza – Kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li ta s-sentenza fl-ewwel istanza – Proċedura ta' ħatra ta' Mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku – Qorti stabbilita bil-liġi – Prinċipju ta' qorti legali”

Fil-Kawża T-639/16 P,

li għandha bħala suġġett appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2016, FV vs Il-Kunsill (F-40/15, EU:F:2016:137), intiż għall-annullament ta' dik is-sentenza,

FV, ex uffiċjal tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Levi, avukat,

appellanti,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn J.-B. Laignelot u M. Bauer, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell),

komposta minn M. Jaeger, President, M. Prek, D. Gratsias, S. Pappasavvas u A. Dittrich (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tagħha ppreżentat skont l-Artikolu 9 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appellanti, FV, titlob l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tat-28 ta' Ġunju 2016, FV vs Il-Kunsill (F-40/15, iktar 'il quddiem is-“sentenza appellata”, EU:F:2016:137), li permezz tagħha t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad ir-rikors tagħha għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tagħha stabbilit għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013.

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 2 Fl-14 ta' April 2014, l-appellanti, FV, li dak iż-żmien kienet uffiċjal tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irċeviet abbozz ta' rapport ta' evalwazzjoni għas-sena 2013, ifformulat mill-evalwatur inizjali. Fid-19 ta' April 2014, hija ppreżentat osservazzjonijiet f'dan ir-rigward, li fihom ikkontestat formalment il-kontenut tal-imsemmi abbozz ta' rapport u talbet li dan jiġi rrevedut. Fl-20 ta' Mejju 2014, l-evalwatur inizjali rrisponda għall-osservazzjonijiet tal-appellanti u kkonferma l-evalwazzjoni inizjali tiegħu. L-appellanti talbet li l-abbozz ta' rapport ta' evalwazzjoni jiġi rrevedut. Wara intervista li kellha fl-10 ta' Ġunju 2014 mat-tieni evalwatur, dan tal-aħħar, fis-26 ta' Ġunju 2014, ikkomunikalha d-deċiżjoni tiegħu li tikkonferma l-evalwazzjonijiet tal-evalwatur inizjali. Wara l-opinjoni tal-Kumitat tar-Rapporti, li ġie adit fuq talba tal-appellanti, it-tieni evalwatur emenda l-abbozz ta' rapport ta' evalwazzjoni, li l-appellanti ħadet konjizzjoni tiegħu fis-27 ta' Novembru 2014 (iktar 'il quddiem ir-“rapport ta' evalwazzjoni kontenżjuż”).

Il-proċedura fl-ewwel istanza, il-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti u s-sentenza appellata

- 3 Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/474/KE, Euratom tad-9 ta' Ġunju 2009 li taħtar Imħallf tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 156, p. 56), I. Rofes i Pujol inħatret Imħallf fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għal perijodu ta' sitt snin mill-1 ta' Settembru 2009 sal-31 ta' Awwissu 2015.
- 4 Fit-3 ta' Diċembru 2013, bil-għan li jinħatru żewġ Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għal perijodu ta' sitt snin mill-1 ta' Ottubru 2014 sat-30 ta' Settembru 2020, ġiet ippubblikata sejħa pubblika għal kandidaturi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU 2013, C 353, p. 11). Din is-sejħa tnediet fid-dawl tal-fatt li, fit-30 ta' Settembru 2014, kienu ser jintemmu l-mandati ta' żewġ Imħallfin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, jiġifieri l-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel. Sussegwentement, il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 3(3) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif applikabbli għal din il-kawża (iktar 'il quddiem il-“Kumitat ta' Selezżjoni”), stabbilixxa lista ta' sitt kandidati (iktar 'il quddiem il-“lista ta' kandidati inkwistjoni”).
- 5 Peress li l-Kunsill ma ħatarx Imħallfin fil-pożizzjonijiet okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel, dawn tal-aħħar komplew fil-kariga lil hinn mit-tmiem tal-mandat tagħhom, jiġifieri lil hinn mit-30 ta' Settembru 2014, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li skontu Mħallf ikompli fil-kariga sakemm is-suċċessur tiegħu jassumi d-doveri tiegħu. Din id-dispożizzjoni kienet applikabbli għall-Imħallfin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tal-Anness I tal-imsemmi statut, kif applikabbli għal din il-kawża.
- 6 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fid-9 ta' Marzu 2015, l-appellanti ppreżentat rikors, irreġistrat bir-referenza F-40/15, għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni kontenżjuż.
- 7 Il-Kawża F-40/15 ġiet assenjata lit-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, komposta mill-Imħallfin H. Kreppel, I. Rofes i Pujol u K. Bradley.
- 8 Peress li ma ġiet ippubblikata ebda sejħa pubblika għal kandidaturi fid-dawl tal-fatt li, fil-31 ta' Awwissu 2015, kien ser jintemm il-mandat tal-Imħallf I. Rofes i Pujol, din tal-aħħar kompletet fil-kariga lil hinn minn din id-data, skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 5 iktar 'il fuq.
- 9 Fit-8 ta' Ottubru 2015, inżammet l-ewwel seduta għas-sottomissjonijiet orali. F'din id-data, it-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kienet komposta mill-Imħallfin H. Kreppel, I. Rofes i Pujol u J. Svingens.

- 10 Permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2015, l-appellanti nħarġet fuq leave fl-interess tas-servizz skont l-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea. Wara ċ-ċaħda tal-ilment tagħha kontra din id-deċiżjoni, l-appellanti ppreżentat rikors għall-annullament tagħha, li huwa s-suġġett tal-Kawża T-750/16, FV vs Il-Kunsill (ĠU 2017, C 6, p. 42), li attwalment għadu pendent.
- 11 Fit-22 ta' Marzu 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/454 li taħtar tliet Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 79, p. 30), jiġifieri S. Van Raepenbusch, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2014, J. Sant'Anna u A. Kornezov, b'effett mill-1 ta' April 2016. Il-premessi 1 sa 6 ta' din id-deċiżjoni huma fformulati kif ġej:
- “(1) Il-mandat taż-żewġ Imħallfin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku [...] intemm b'effett mit-30 ta' Settembru 2014, u l-mandat ta' Mħallef ieħor intemm b'effett mill-31 ta' Awwissu 2015. Skont l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(1) tal-Anness I għall-[...]Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [...], jeħtieġ għalhekk li jinħatru tliet Imħallfin biex jimlew dawk il-pożizzjonijiet vakanti.
- (2) Wara s-sejħa pubblika għal applikazzjonijiet ippubblikata fl-2013 [...] bil-ħsieb li jinħatru żewġ Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 3(3) tal-Anness I għall-[Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea] ta' opinjoni dwar l-adegwatezza tal-kandidati biex iwettqu l-kompiti ta' Mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Mal-opinjoni tiegħu l-kumitat tal-għażla hemeż lista ta' sitt kandidati li għandhom l-esperjenza ta' livell għoli l-aktar adatta.
- (3) Wara l-ftehim politiku dwar ir-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [...], il-Qorti tal-Ġustizzja [tal-Unjoni Ewropea] ppreżentat fis-17 ta' Novembru 2015 proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali [...] tal-ġuriżdizzjoni ta' prim'istanza f'każ ta' tilwim bejn l-Unjoni u l-aġenti tagħha b'effett mill-1 ta' Settembru 2016.
- (4) F'dawn iċ-ċirkostanzi, għal raġunijiet ta' ħin, huwa xieraq li ma tiġix ippubblikata sejħa pubblika ġdida għal applikazzjonijiet, iżda li minflok tintuża l-lista tas-sitt kandidati li għandhom l-esperjenza ta' livell għoli l-aktar adatta stabbilita mill-kumitat tal-għażla wara s-sejħa pubblika għal applikazzjonijiet ippubblikata fl-2013.
- (5) Għaldaqstant huwa xieraq li jinħatru tlieta mill-persuni inklużi f'dik il-lista bħala Mħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, filwaqt li tiġi żgurata kompożizzjoni ekwibrata tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fuq bażi ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri u fir-rigward tas-sistemi legali nazzjonali rappreżentati. It-tliet persuni f'dik il-lista li għandhom l-esperjenza ta' livell għoli l-aktar idonea huma s-Sur Sean Van Raepenbusch, is-Sur João Sant'Anna u s-Sur Alexander Kornezov. Is-Sur João Sant'Anna u s-Sur Alexander Kornezov għandhom jinħatru b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni. Billi s-Sur Sean Van Raepenbusch diġà kien Mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sat-30 ta' Settembru 2014 u baqa' jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu sakemm tittieħed id-Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 5 tal-[Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea], huwa xieraq li hu jinħatar għal mandat ġdid b'effett mill-jum wara t-tmiem tal-mandat preċedenti tiegħu.
- (6) Mill-Artikolu 2 tal-Anness I għall-[Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea] jsegwi li kwalunkwe pożizzjoni vakanti għandha timtela permezz tal-ħatra ta' Mħallef ġdid għal perijodu ta' sitt snin. Madankollu, mal-applikazzjoni tar-Regolament propost dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġuriżdizzjoni ta' prim'istanza f'każ ta' tilwim bejn l-Unjoni u

l-aġenti tagħha, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mhux ser jeżisti aktar, u b'hekk il-mandat tat-tliet Imħallfin maħtura b'din id-Deċiżjoni jintemm *ipso facto* fid-data ta' qabel dik li fiha r-Regolament japplika.”

- 12 J. Sant'Anna u A. Kornezov ħadu l-ġurament fit-13 ta' April 2016.
- 13 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' April 2016 (ĠU 2016, C 146, p. 11), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku assenja l-Imħallfin K. Bradley, J. Sant'Anna u A. Kornezov lit-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għall-perijodu mill-14 ta' April sal-31 ta' Awwissu 2016.
- 14 Permezz ta' ittra tad-19 ta' April 2016, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku informa lill-partijiet li, minħabba t-tluq ta' żewġ membri mill-kulleġġ ġudikanti li pparteċipa fis-seduta li nżammet fit-8 ta' Ottubru 2015 (ara l-punt 9 iktar 'il fuq), jiġifieri l-Imħallfin H. Kreppel u I. Rofes i Pujol, huwa kien iddeċieda li jiftaħ il-fażi orali tal-proċedura mill-ġdid u li jiffissa d-data l-ġdida tas-seduta għas-sottomissjonijiet orali għat-12 ta' Mejju 2016, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 27(3) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu.
- 15 Permezz ta' ittra tad-29 ta' April 2016, ir-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku informa lill-partijiet bil-kompożizzjoni l-ġdida tal-awla.
- 16 It-tieni seduta għas-sottomissjonijiet orali nżammet fit-12 ta' Mejju 2016 quddiem it-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, komposta mill-Imħallfin K. Bradley, J. Sant'Anna u A. Kornezov.
- 17 Fl-ewwel istanza, l-appellanti talbet li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jogħġbu:
- jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni kontenzjuż;
 - jikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.
- 18 Fl-ewwel istanza, il-Kunsill talab li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jogħġbu:
- jiċċad ir-rikors;
 - jikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.
- 19 Permezz tas-sentenza appellata, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad ir-rikors fl-ewwel istanza u kkundanna lill-appellanti tbat l-ispejjeż tagħha stess u dawk sostnuti mill-Kunsill. Fil-punti 53 sa 98 tas-sentenza appellata, huwa eżamina u ċaħad l-ewwel motiv imqajjem fl-ewwel istanza, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Fil-punti 99 sa 121 tas-sentenza appellata, huwa eżamina u ċaħad it-tieni motiv imqajjem fl-ewwel istanza, ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u t-talbiet tal-partijiet

- 20 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Settembru 2016, l-appellanti ppreżentat dan l-appell.
- 21 Fil-21 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill ippreżenta r-risposta.
- 22 Fl-20 ta' Jannar 2017, l-appellanti ressqet talba għall-preżentata ta' replika, li ntlagħget mill-President tal-Awla tal-Appell. Fis-27 ta' Marzu 2017, l-appellanti ppreżentat ir-replika. Fl-10 ta' Mejju 2017, il-Kunsill ppreżenta l-kontroreplika.

- 23 Fil-15 ta' Novembru 2017, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u fuq proposta tal-Awla tal-Appell, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tibgħat din il-kawża quddiem kulleġġ ġudikanti estiż.
- 24 Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali talbet lill-Kunsill jipproduċi l-lista ta' kandidati inkwistjoni. Il-Kunsill kkonforma ruħu ma' din it-talba fit-terminu stabbilit.
- 25 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, u fl-assenza ta' talba tal-partijiet għal smiġh fil-kuntest ta' seduta għas-sottomissjonijiet orali, il-Qorti Ġenerali (Awla tal-Appell), peress li qieset li kellha biżżejjed informazzjoni mill-annessi fil-proċess tal-kawża, iddeċidiet li taqta' l-appell mingħajr fażi orali tal-proċedura, skont l-Artikolu 207(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha.
- 26 L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tannulla s-sentenza appellata;
 - konsegwentement, tilqa' t-talbiet tagħha fl-ewwel istanza u, għaldaqstant:
 - tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni kontenzzjuż;
 - tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż;
 - tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż relatati maż-żewġ istanzi.
- 27 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiċħad l-appell bħala infondata;
 - tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq l-appell

- 28 Insostenn tal-appell, l-appellanti tressaq tliet aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq kostituzzjoni irregolari tal-kulleġġ ġudikanti. It-tieni aggravju jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li fuqhom dan tal-aħħar ibbaża ruħu sabiex jiċħad l-ewwel motiv imqajjem fl-ewwel istanza, ibbażat, minn naħa, fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u, min-naħa l-oħra, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. It-tielet aggravju jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li fuqhom dan tal-aħħar ibbaża ruħu sabiex jiċħad it-tieni motiv imqajjem fl-ewwel istanza, ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura.
- 29 Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li l-kulleġġ ġudikanti li ta s-sentenza appellata ma kienx ikkostitwit b'mod regolari. Il-Kunsill ma setax jieħu mil-lista ta' kandidati inkwistjoni, li kienet ġiet stabbilita mill-Kumitat ta' Selezzjoni wara sejħa pubblika għal kandidaturi li tnediet fit-3 ta' Diċembru 2013, sabiex jaħtar Imħallef fil-pożizzjoni okkupata mill-Imħallef I. Rofes i Pujol. Din is-sejħa pubblika għal kandidaturi kienet tkopri biss il-pożizzjonijiet okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel, li l-mandati tagħhom intemmu fit-30 ta' Settembru 2014, u mhux il-pożizzjoni okkupata mill-Imħallef I. Rofes i Pujol, li kienet inħatret għal mandat mill-1 ta' Settembru 2009 sal-31 ta' Awwissu 2015. Din il-lista ma kinitx lista ta' riżerva ġenerali. Il-Kunsill messu osserva l-qafas ġuridiku stabbilit mis-sejħa pubblika għal kandidaturi. L-Imħallef maħtur fil-pożizzjoni okkupata mill-Imħallef I. Rofes i Pujol inħatar mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta'

sejħa pubblika għal kandidaturi u għalhekk ma nħatarx b'mod validu. Għaldaqstant, l-Imħallef I. Rofes i Pujol kompliet fil-kariga u l-kostituzzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li ta s-sentenza appellata kienet ivvizzjata b'irregolarità. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet previsti fit-tieni sentenza tal-Artikolu 27(3) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma ġewx issodisfatti. F'dan il-kuntest, l-appellanti ssostni wkoll li, bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/454, il-Kunsill ma setax jemenda l-proċedura għall-ħatra ta' Mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku prevista fl-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif applikabbli għal din il-kawża. Din il-proċedura setgħet tiġi emendata biss skont l-Artikolu 281 TFUE, li jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

- 30 Il-Kunsill jikkontesta dawn l-argumenti. Il-kulleġġ ġudikanti ġie kkostitwit b'mod regolari. Id-Deċiżjoni 2016/454 ma hijiex illegali. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-Kunsill kellu dritt juża l-lista inkwistjoni. Ma kienx obligat iniedi sejħa pubblika ġdida għal kandidaturi kull darba li pożizzjoni fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kienet issir vakanti. Kif inhi prassi magħrufa fi qrati internazzjonali oħra, huwa possibbli li tinħoloq lista ta' riżerva ta' kandidati li jistgħu jinħatru meta pożizzjoni ssir vakanti. Għaldaqstant, il-Kunsill seta' jieħu mil-lista ta' kandidati inkwistjoni sabiex jaħtar Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ġdid ta' pożizzjoni vakanti. Sakemm din il-lista kienet tinkludi numru suffiċjenti ta' kandidati, huwa seta' jagħżel li jieħu minn din il-lista jew li jippubblika sejħa pubblika ġdida għal kandidaturi. Huwa kellu marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. La d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 li tistabilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2006, L 153M, p. 84) u lanqas il-prassi preċedenti tiegħu ma jipprekluduh milli jaġixxi b'dan il-mod. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-Kunsill la kiser u lanqas emenda l-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif applikabbli għal din il-kawża.
- 31 Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li s-sentenza appellata ngħatat minn kulleġġ ġudikanti li kien ġie kkostitwit b'mod irregolari, minħabba li l-proċedura ta' ħatra ta' wieħed mill-Imħallfin li kien sedenti f'dan il-kulleġġ ġudikanti kienet ivvizzjata b'irregolarità. F'dan il-kuntest, hija ssostni li l-proċedura ta' ħatra tal-Imħallef li nħatar fil-pożizzjoni okkupata mill-Imħallef I. Rofes i Pujol kienet irregolari.
- 32 Fid-dawl ta' dawn l-argumenti, għandu jiġi eżaminat, l-ewwel nett, jekk l-Imħallef li l-proċedura ta' ħatra tiegħu hija kkonċernata mill-argumenti tal-appellanti (iktar 'il quddiem l-"Imħallef inkwistjoni") kienx sedenti fl-awla li tat is-sentenza appellata, it-tieni nett, jekk il-proċedura ta' ħatra ta' dan l-Imħallef kinitx ivvizzjata b'irregolarità u, jekk ikun il-każ, it-tielet nett, x'impatt ikollha tali irregolarità fuq ir-regolarità tal-kompożizzjoni tal-imsemmija awla.
- 33 L-ewwel nett, għandu jiġi eżaminat jekk l-Imħallef inkwistjoni kienx sedenti fit-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li tat is-sentenza appellata.
- 34 F'dan il-kuntest, fl-ewwel lok, għandu jifakkar li, meta tat is-sentenza appellata, it-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kienet komposta mill-Imħallfin K. Bradley, J. Sant'Anna u A. Kornezov (ara l-punti 13 u 16 iktar 'il fuq).
- 35 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-Imħallef K. Bradley ma nħatarx Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku permezz tad-Deċiżjoni 2016/454 u għalhekk ma jistax ikun l-Imħallef inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, l-Imħallfin J. Sant'Anna u A. Kornezov inħatru Mħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku permezz ta' din id-deċiżjoni.
- 36 Fit-tielet lok, għandu jifakkar li t-tliet kandidati li nħatru Mħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku permezz tad-Deċiżjoni 2016/454 huma S. Van Raepenbusch, J. Sant'Anna u A. Kornezov. Kif jirriżulta mid-dispożittiv u mill-premessa 5 tad-Deċiżjoni 2016/454, S. Van Raepenbusch kien l-ewwel kandidat li nħatar mill-Kunsill u ġie kkonfermat fil-pożizzjoni tiegħu għal mandat ġdid b'effett mill-jum ta' wara

t-tmiem tal-mandat preċedenti tiegħu, jiġifieri l-1 ta' Ottubru 2014. Għaldaqstant, S. Van Raepenbusch ma nħatarx fil-pożizzjoni okkupata mill-Imħallf I. Rofes i Pujol u għalhekk ma huwiex l-Imħallf inkwistjoni.

- 37 Fir-raba' lok, għandu jiġi rrilevat li ż-żewġ kandidati l-oħra li nħatru Mħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku permezz tad-Deċiżjoni 2016/454 huma J. Sant'Anna u A. Kornezov u li wieħed minn dawn it-tnejn għalhekk huwa l-Imħallf inkwistjoni. Issa, dawn iż-żewġ Imħallfin it-tnejn li huma kienu sedenti fit-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li tat is-sentenza appellata.
- 38 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Imħallf inkwistjoni kien sedenti fit-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li tat is-sentenza appellata.
- 39 It-tieni nett, għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tal-appellanti li jfittxu li jipprovaw li l-proċedura ta' ħatra tal-Imħallf inkwistjoni kienet ivvizzjata b'irregolarità.
- 40 F'dan il-kuntest, għandu jifakkar li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 257 TFUE, il-membri tal-qradi speċjalizzati jintgħażlu minn fost persuni li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom u li jippossjedu l-kapaċità meħtieġa sabiex jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji. Jiġu maħtura mill-Kunsill waqt li jaġixxi unanimament.
- 41 Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif applikabbli għal din il-kawża, kull pożizzjoni vakanti kellha timtela bil-ħatra ta' Mħallf ġdid fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għal perjodu ta' sitt snin.
- 42 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif applikabbli għal din il-kawża, l-Imħallfin kellhom jinħatru mill-Kunsill, li kellu jaġixxi skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 257 TFUE, wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' Selezzjoni. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(1) ta' dan l-anness, fil-ħatra tal-Imħallfin, il-Kunsill kellu jiżgura li jkun hemm kompożizzjoni ekwilibrata tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fuq bażi ġeografika l-iktar wiesgħa possibbli minn fost ċittadini tal-Istati Membri u fir-rigward tas-sistemi legali nazzjonali rrappreżentati.
- 43 Mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(2) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif applikabbli għal din il-kawża, jirriżulta li kull persuna li kellha ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u li kienet tissodisfa l-kondizzjonijiet previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 257 TFUE setgħet tippreżenta l-kandidatura tagħha. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(2) ta' dan l-anness, il-Kunsill, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, kellu jiffissa l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tal-preżentazzjoni u tal-ipproċessar tal-kandidaturi.
- 44 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(4) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif applikabbli għal din il-kawża, il-Kumitat ta' Selezzjoni kellu jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jeżerċitaw il-funzjoni ta' Mħallf tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u kellu jannetti ma' din l-opinjoni lista tal-kandidati li kellhom l-esperjenza ta' livell għoli l-iktar adegwata. Skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 3(4) ta' dan l-anness, din il-lista kellha tikkonsisti f'numru ta' kandidati li jikkorrispondu għall-inqas għad-doppju tan-numru ta' Mħallfin li kellhom jinħatru mill-Kunsill.
- 45 Huwa fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet li għandu jiġi eżaminat l-argument tal-appellanti bbażat fuq l-allegazzjoni li l-proċedura ta' ħatra tal-Imħallf inkwistjoni kienet ivvizzjata b'irregolarità, minħabba li l-Kunsill ħatar lil dan l-Imħallf fil-pożizzjoni okkupata mill-Imħallf I. Rofes i Pujol billi ħa mil-lista ta' kandidati inkwistjoni, meta din il-lista ma kinitx ġiet stabbilita bil-għan li jinħatar Imħallf f'din il-pożizzjoni.

- 46 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, anki meta istituzzjoni jkollha setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'dak li jirrigwarda l-ħatra ta' kandidat, din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa għandha tiġi eżerċitata b'osservanza sħiħa tar-regolamenti rilevanti kollha, jiġifieri mhux biss b'osservanza tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti iżda wkoll ta' eventwali regoli proċedurali li l-istituzzjoni tista' tkun adottat għall-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha. Għaldaqstant, l-avviż ta' pożizzjoni vakanti u r-regoli applikabbli għall-proċedura ta' ħatra jikkostitwixxu parti mill-qafas ġuridiku li l-istituzzjoni għandha tosserva b'mod rigoruż fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Tzirani vs Il-Kummissjoni, T-88/04, EU:T:2006:186, punt 78, u tal-11 ta' Lulju 2007, Konidaris vs Il-Kummissjoni, T-93/03, EU:T:2007:209, punt 121).
- 47 Dan il-prinċipju kien intiż li jiġi applikat ukoll fil-kuntest tal-proċedura ta' ħatra ta' Mhallet fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, meta l-Kunsill kien jaħtar Imhallet billi jieħu minn lista ta' kandidati li kienet ġiet stabbilita wara sejħa pubblika għal kandidaturi.
- 48 Għaldaqstant, il-Kunsill kien obligat josserva mhux biss il-qafas ġuridiku kkostitwit mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 40 sa 44 iktar 'il fuq, iżda wkoll dak li jirriżulta mis-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013 (ara l-punt 4 iktar 'il fuq).
- 49 Issa, kif jirriżulta minn din is-sejħa pubblika għal kandidaturi, din tal-aħħar kienet tnediet bil-għan li jinħatru żewġ Imħallfin fil-pożizzjonijiet okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel, u mhux bil-għan li jinħatar it-tielet Imhallet fil-pożizzjoni okkupata mill-Imhallet I. Rofes i Pujol.
- 50 Għaldaqstant, il-lista stabbilita wara s-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013 setgħet tintuża biss sabiex jimtlew il-pożizzjonijiet vakanti okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel.
- 51 Minn dan isegwi li, billi uża din il-lista sabiex timtela t-tielet pożizzjoni vakanti okkupata minn I. Rofes i Pujol, il-Kunsill naqas milli josserva l-qafas ġuridiku impost mis-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013. Fil-fatt, għandu jifakkar li, skont id-dispożittiv tad-Deċiżjoni 2016/454 u l-premessa 5 tagħha, il-Kunsill ħatar bħala Mħallfin fit-Tribunal tas-Servizz Pubbliku, fl-ewwel lok, lil S. Van Raepenbusch, fit-tieni lok, lil J. Sant'Anna u, fit-tielet lok, lil A. Kornezov. Issa, għalkemm il-Kunsill kellu dritt jieħu minn din il-lista f'dak li jirrigwarda l-ewwel żewġ ħatriet, huwa ma kellux dritt jagħmel dan f'dak li jirrigwarda t-tielet waħda.
- 52 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li l-użu tal-lista ta' kandidati inkwistjoni, li l-Kumitat ta' Selezzjoni kien stabbilixxa bil-għan li jinħatru żewġ Imħallfin fil-pożizzjonijiet okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel għal perijodu ta' sitt snin li jibda fl-1 ta' Ottubru 2014, sabiex timtela l-pożizzjoni vakanti okkupata minn I. Rofes i Pujol ma kienx konformi mar-regoli li jirregolaw il-proċedura ta' ħatra tal-Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku msemmija fil-punti 40 sa 44 iktar 'il fuq.
- 53 F'dan il-kuntest, minn naħa, għandu jifakkar li, skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 3(4) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-lista tal-kandidati kellha tikkonsisti f'numru ta' kandidati li jikkorrispondu għad-doppju tan-numru ta' Mħallfin li kellhom jinħatru mill-Kunsill. Minn dan isegwi li sejħa pubblika għal kandidaturi bil-għan li tiġi stabbilita din il-lista kellha tidentifika l-pożizzjonijiet vakanti. Issa, is-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013 kienet limitata għall-pożizzjonijiet vakanti okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel, iżda ma kinitx tkopri l-pożizzjoni vakanti okkupata minn I. Rofes i Pujol.
- 54 Min-naħa l-oħra, għandu jifakkar li, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(2) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif applikabbli għal din il-kawża, kull persuna li kellha ċittadinanza tal-Unjoni, li ma kienx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħha u li kienet tippossjedi l-kapaċità meħtieġa sabiex teżerċita funzjonijiet ġudizzjarji setgħet tippreżenta l-kandidatura tagħha. Barra minn hekk, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(4) tal-imsemmi anness, il-lista stabbilita

- mill-Kumitat ta' Selezżjoni kellha tindika l-kandidati li kellhom l-esperjenza ta' livell għoli l-iktar adegwata. Minn dan isegwi li wieħed mill-għanijiet li dawn id-dispożizzjonijiet kienu jfittxu li jilhq kien li l-kandidati kollha eliġibbli jkunu jistgħu jippreżentaw il-kandidatura tagħhom, sabiex jiġi ggarantit li l-kandidati li jiġu inklużi fil-lista ta' kandidati stabbilita mill-Kumitat ta' Selezżjoni jkunu dawk li kellhom l-esperjenza ta' livell għoli l-iktar adegwata.
- 55 Approċċ li ma jiggarrantixxix kompletament li jintlaħaq dan il-għan għalhekk ma jistax jitqies li huwa konformi mar-regoli li jirregolaw il-proċedura ta' ħatra tal-Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.
- 56 Issa, ma jistax jiġi eskluż li l-użu tal-lista ta' kandidati inkwistjoni, li kienet ġiet stabbilita bil-għan li jimtlew il-pożizzjonijiet vakanti okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel, kellu l-konsegwenza li jeskludi parti mill-kandidati potenzjali, jiġifieri dawk li ma kinux ipparteċipaw fis-sejħa pubblika għal kandidaturi għal dawn il-pożizzjonijiet, iżda li kienu jitħajru jippreżentaw il-kandidatura tagħhom għall-pożizzjoni okkupata mill-Imħallef I. Rofes i Pujol. F'dak li jirrigwarda dawn l-eventwali kandidati, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(1) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif applikabbli għal din il-kawża, fil-ħatra tal-Imħallfin, il-Kunsill kellu jiżgura li jkun hemm kompożizzjoni ekwilibrata tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fuq bażi ġeografika l-iktar wiesgħa possibbli minn fost ċittadini tal-Istati Membri u fir-rigward tas-sistemi legali nazzjonali rrappreżentati. Fid-dawl tal-kriterji li l-Kunsill kellu josserva fil-kuntest tal-għażla tiegħu, ma jistax jiġi eskluż li, minħabba l-osservanza tal-ekwilibriju ġeografiku, xi ġuristi minn ċerti Stati Membri, pereżempju ċittadini Spanjoli, setgħu ddeċidew li ma jipparteċipawx fis-sejħa pubblika għal kandidaturi li kienet tkopri l-pożizzjonijiet okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel, għaliex diġà kien hemm membru Spanjol fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, jiġifieri I. Rofes i Pujol. Min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi eskluż li, għal raġunijiet leġittimi, xi kandidati potenzjali eliġibbli u li kellhom esperjenza rilevanti ddeċidew li ma jippreżentawx il-kandidatura tagħhom għal mandat li jibda fl-1 ta' Ottubru 2014, iżda kienu disposti jressqu l-kandidatura tagħhom għal mandat li jibda fl-1 ta' Settembru 2015.
- 57 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li, fil-mument li fih tnediet is-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013 bil-għan li jinħatru żewġ Imħallfin fil-pożizzjonijiet okkupati mill-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel, l-eventwali kandidati għall-pożizzjoni okkupata mill-Imħallef I. Rofes i Pujol ma setgħux jistennew li l-lista stabbilita mill-Kumitat ta' Selezżjoni sussegwentement kienet ser tintuża sabiex timtela l-pożizzjoni vakanti okkupata mill-Imħallef I. Rofes i Pujol.
- 58 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi konkluż li l-proċedura ta' ħatra tal-Imħallef inkwistjoni kienet irregolari, mhux biss għaliex il-Kunsill ma osservax il-qafas ġuridiku impost mis-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013, iżda wkoll għaliex l-approċċ tal-Kunsill ma kienx konformi mar-regoli li jirregolaw il-ħatra ta' Mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku msemmija fil-punti 40 sa 44 iktar 'il fuq.
- 59 Ebda wieħed mill-argumenti mressqa mill-Kunsill ma jista' jqiegħed din il-konklużjoni fid-dubju.
- 60 Fl-ewwel lok, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Kunsill ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-kundizzjoni prevista fit-tielet sentenza tal-Artikolu 3(4) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif applikabbli għal din il-kawża, li skontha l-lista kellha tipprevedi numru ta' kandidati li jikkorrispondi għall-inqas għad-doppju tan-numru ta' Mħallfin li kellhom jinħatru mill-Kunsill, kienet ġiet issodisfatta, peress li kien hemm l-ismijiet ta' sitt kandidati f'din il-lista. F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li din ma kinitx l-unika kundizzjoni li kellha tiġi ssodisfatta fil-kuntest ta' proċedura ta' ħatra ta' Mħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

- 61 Fit-tieni lok, sa fejn il-Kunsill isostni li huwa kellu setgħa diskrezzjonali wiesgħa, huwa suffiċjenti li jittfakkar li din is-setgħa la kienet tippermettilu jevita l-qafas ġuridiku li jirriżulta mis-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013 u lanqas kienet tippermettilu jevita d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' ħatra ta' Mhalled fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku msemmija fil-punti 40 sa 44 iktar 'il fuq.
- 62 Fit-tielet lok, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Kunsill fis-sens li huwa ma kienx marbut bil-prassi preċedenti tiegħu. F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li l-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti 33 sa 58 iktar 'il fuq ma humiex ibbażati fuq paragun tal-approċċ tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-Imhalled inkwistjoni mal-prassi preċedenti tiegħu, iżda fuq il-konstatazzjoni li dan l-approċċ ma kienx konformi mal-qafas ġuridiku applikabbli.
- 63 Fir-raba' lok, il-Kunsill iressaq argumenti li jfittxu li jipprovaw li, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti, huwa kellu dritt jikkostitwixxi lista ta' riżerva li setgħet tintuża sabiex jimtlew il-pożizzjonijiet vakanti ta' Mħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li, f'dan il-kuntest, il-kwistjoni rilevanti ma hijiex jekk il-Kunsill kellux dritt jikkostitwixxi tali lista ta' riżerva, iżda pjuttost jekk kellux dritt jimla l-pożizzjoni vakanti okkupata mill-Imhalled I. Rofes i Pujol billi jaħtar kandidat billi jieħu minn lista li ma kinitx ġiet stabbilita għal dan il-għan. Għaldaqstant, dan l-argument għandu wkoll jiġi miċħud, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata risposta għall-kwistjoni jekk il-Kunsill kellux dritt jikkostitwixxi tali lista ta' riżerva.
- 64 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-proċedura ta' ħatra tal-Imhalled inkwistjoni kienet ivvizzjata b'irregolarità u lanqas ma jista' jiġi eskluż li, kieku tnediet sejħa pubblika għal kandidaturi għall-pożizzjoni vakanti fir-rigward tal-pożizzjoni okkupata mill-Imhalled I. Rofes i Pujol, xi kandidati li ma pparteċipawx fis-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013 kienu jippreżentaw il-kandidatura tagħhom u li, f'dan il-każ, is-selezzjoni magħmula mill-Kumitat ta' Selezzjoni kienet tkun differenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi eskluż li l-irregolaritajiet ikkonstatati seta' kellhom impatt fuq id-deċiżjoni ta' ħatra tal-Imhalled inkwistjoni fil-pożizzjoni okkupata mill-Imhalled I. Rofes i Pujol.
- 65 It-tielet nett, għandu għalhekk jiġi eżaminat jekk l-irregolaritajiet li jivvizzjaw il-proċedura ta' ħatra tal-Imhalled inkwistjoni humiex ta' natura li jqiegħdu fid-dubju r-regolarità tal-kompożizzjoni tat-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li ta s-sentenza appellata.
- 66 F'dan il-kuntest, għandu jittfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta tqum kontestazzjoni fir-rigward tar-regolarità tal-kulleġġ ġudikanti tal-qorti li jkun iddeċieda fl-ewwel istanza li ma tkunx manifestament nieqsa mis-serjetà, il-qorti tal-appell tkun obbligata tivverifika r-regolarità tiegħu. Fil-fatt, motiv ibbażat fuq l-irregolarità tal-kulleġġ ġudikanti jikkostitwixxi motiv ta' ordni pubbliku, li għandu jiġi eżaminat *ex officio*, anki fil-każ li din l-irregolarità ma tkunx ġiet invokata fl-ewwel istanza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punti 44 sa 50).
- 67 Kif jirriżulta mill-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, wieħed mir-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti huwa li l-qrati għandhom ikunu indipendenti, imparzjali u stabbiliti minn qabel bil-liġi.
- 68 Minn dan ir-rekwiżit, li għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kompożizzjoni tal-qorti u l-kompetenzi tagħha għandhom jiġu rregolati minn qabel b'liġi, jirriżulta l-prinċipju ta' qorti legali, li l-għan tiegħu huwa li jiggarrantixxi l-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja mill-eżekuttiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, Starck vs Il-Kummissjoni, T-199/11 P, EU:T:2012:691, punt 22).

- 69 F'dan il-kuntest, għandu jifakkar li, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, sa fejn din il-karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), it-tifsira u l-portata ta' dawn id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-imsemmija konvenzjoni.
- 70 Għandu jifakkar ukoll li, skont it-tielet subartikolu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(7) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, fl-interpretazzjoni tad-drittijiet stabbiliti f'din il-karta, l-ispjegazzjonijiet imfassla bħala gwida għall-interpretazzjoni tagħha (ĠU 2007, C 303, p. 17) għandhom jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qorti tal-Unjoni. F'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dawn l-ispjegazzjonijiet jispeċifikaw:
- "Fil-liġi ta' l-Unjoni, id-dritt għal tribunal mhuwiex limitat għal tilwim konness ma' drittijiet u obbligati ta' natura ċivili. Huwa wieħed mill-konsegwenzi tal-fatt li l-Unjoni hija komunità ibbażata fuq l-istat tad-dritt kif ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-23 ta' April 1986, 'Les Verts' vs il-Parlament Ewropew (294/83, Ġabra 1986, p. 1339). Madankollu, fir-rigward ta' l-aspetti kollha barra dak ta' l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, il-garanziji mogħtija mill-KEDB japplikaw b'mod simili għall-Unjoni."
- 71 Minn dan isegwi li, f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-garanzija mogħtija mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB, li tipprevedi wkoll il-prinċipju ta' qorti legali.
- 72 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB"), il-prinċipju ta' qorti legali stabbilit fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB jirrifletti l-prinċipju ta' Stat tad-dritt, li minnu jirriżulta li korp ġudizzjarju għandu jkun stabbilit skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 27 ta' Ottubru 2009, *Pandjigidzé et vs Il-Ġeorġja*, CE:ECHR:2009:1027JUD003032302, punt 103, u 20 ta' Ottubru 2009, *Gorguiladzé vs Il-Ġeorġja*, CE:ECHR:2009:1020JUD000431304, punt 67).
- 73 Skont il-Qorti EDB, qorti għandha għalhekk tkun ikkostitwita skont il-leġiżlazzjoni dwar l-istabbiliment u l-kompetenza tal-korpi ġudizzjarji u skont kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt intern li n-nuqqas ta' osservanza tagħha jirrendi irregolari l-parteċipazzjoni ta' Mhallel wieħed jew iktar fl-eżami tal-kawża. Dawn huma, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar il-mandati, l-inkompatibiltajiet u r-rikuża tal-ġudikanti (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 27 ta' Ottubru 2009, *Pandjigidzé et vs Il-Ġeorġja*, CE:ECHR:2009:1027JUD003032302, punt 104, u 20 ta' Ottubru 2009, *Gorguiladzé vs Il-Ġeorġja*, CE:ECHR:2009:1020JUD000431304, punt 68).
- 74 Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, il-prinċipju ta' qorti legali jeżiġi li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' ħatra tal-Imħallfin (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 9 ta' Lulju 2009, *Ilatovskiy vs Ir-Russja*, CE:ECHR:2009:0709JUD000694504, punti 40 u 41).
- 75 Fil-fatt, huwa essenzjali mhux biss li l-Imħallfin ikunu indipendenti u imparzjali, iżda wkoll li l-proċedura ta' ħatra tagħti din id-dehra. Għal din ir-raġuni, ir-regoli għall-ħatra ta' Mhallel għandhom jiġu strettament osservati. Li kieku kien mod ieħor, ikun hemm ir-riskju li tittiekel il-fiduċja tal-partijiet f'kawża u tal-pubbliku fl-indipendenza u fl-imparzjalità tal-qorti (ara, f'dan is-sens, id-deċiżjoni tal-Qorti tal-EFTA tal-14 ta' Frar 2017, *Pascal Nobile vs DAS Rechtsschutz-Versicherungs*, E-21/16, punt 16).
- 76 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat jekk l-irregolaritajiet li jivvizzjaw il-proċedura ta' ħatra tal-Imħallfin inkwistjoni humiex ta' natura li jkollhom riperkussjoni fuq ir-regolarità tal-kompożizzjoni tat-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li tat is-sentenza appellata.

- 77 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li mill-premessi 1 sa 6 tad-Deċiżjoni 2016/454, li huma rriprodotti fil-punt 11 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-Kunsill kien kompletament konxju tal-fatt li l-lista ta' kandidati inkwistjoni ma kinitx ġiet stabbilita bil-għan li jinħatar Imħallef fil-pożizzjoni okkupata minn I. Rofes i Pujol. Madankollu, huwa ddeċieda li jużaha għal dan il-għan. Għalhekk, mill-att ta' ħatra nnifsu jirriżulta li l-Kunsill evita deliberatament il-qafas ġuridiku impost mis-sejħa pubblika għal kandidaturi tat-3 ta' Diċembru 2013 u r-regoli li jirregolaw il-ħatra tal-Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.
- 78 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-importanza tal-osservanza tar-regoli li jirregolaw il-ħatra ta' Mħallef għall-fiduċja tal-partijiet f'kawża u tal-pubbliku fl-indipendenza u fl-imparzjalità tal-qrati, l-Imħallef inkwistjoni ma jistax jitqies li huwa qorti legali fis-sens tal-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
- 79 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju, ibbażat fuq l-allegazzjoni li t-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li tat is-sentenza appellata ma kinitx ikkostitwita b'mod regolari, għandu jintlaqa'.
- 80 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata kollha kemm hi, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati t-tieni u t-tielet aggravji.

Fuq ir-rikors fl-ewwel istanza

- 81 Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137), meta l-Qorti Ġenerali tannulla deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku iżda tikkunsidra li l-kawża ma tinsabx fi stat li tiġi deċiża, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem awla differenti minn dik li tkun iddeċidiet l-appell.
- 82 F'dan il-każ, ir-rikors fl-ewwel istanza ma jinsabx fi stat li jiġi deċiż. Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti Ġenerali ma tistax tibbaża ruħha fuq konstatazzjonijiet fattwali magħmula minn kulleġġ ġudikanti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li ġie kkostitwit b'mod irregolari u, min-naħa l-oħra, ma huwiex komplitu tagħha, fil-kuntest tal-funzjoni tagħha ta' qorti tal-appell, li twettaq evalwazzjoni tal-fatti hija stess.
- 83 Għaldaqstant, il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem awla differenti minn dik li ddeċidiet dan l-appell sabiex il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi fl-ewwel istanza r-rikors ippreżentat mill-appellanti quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Fuq l-ispejjeż

- 84 Peress li l-kawża hija mibgħuta lura quddiem awla oħra tal-Qorti Ġenerali, hemm lok li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri ta' appell jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Awla tal-Appell)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2016, FV vs Il-Kunsill (F-40/15), hija annullata.**

2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem awla tal-Qorti Ġenerali differenti minn dik li ddeċidiet dan l-appell.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Jaeger

Prek

Gratsias

Papasavvas

Dittrich

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-23 ta' Jannar 2018.

Firem